

Brussell, 26 ta' Frar 2026
(OR. en)

6281/26

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0399 (COD)
2025/0400 (COD)

ENER 67
CLIMA 62
CONSOM 44
TRANS 71
AGRI 113
IND 113
ENV 121
COMPET 182
FORETS 20
RELEX 200
ECOFIN 192
CODEC 221

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Pakkett dwar il-Grilji Ewropej
- Dibattitu ta' orjentazzjoni

Bil-ħsieb tal-Kunsill TTE (Enerġija) tas-16 ta' Marzu 2026, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar il-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej.

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI

DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI DWAR IL-PAKKETT DWAR IL-GRILJI EWROPEJ

Ir-Regolament TEN-E u d-Direttiva dwar il-Ħruġ tal-Permessi proposti mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej għandhom l-għan li jtejbu l-interkonnnettività transfruntiera u jagħtu spinta lill-elettrifikazzjoni bħala pilastru strateġiku għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, is-sigurtà tal-enerġija, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata.

Il-Presidenza Ċiprijotta ilha għal xi żmien tmexxi 'l quddiem eżami bir-reqqa tal-proposti mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Dan irriżulta fi progress dwar id-dispożizzjonijiet tekniċi u l-kjarifiki fit-testi, kif rifless fiż-żewġ testi riveduti maħruġa s'issa. Il-progress dwar xi kwistjonijiet oħra jeħtieġ gwida politika mill-Kunsill.

1. TEN-E: Ippjanar Integrat tal-Grilji bbażat fuq xenarju komuni

Sabiex titlesta Unjoni tal-Enerġija ġenwina, huwa meħtieġ approċċ aktar Ewropew għall-ippjanar tal-iżvilupp tan-network tal-enerġija. Il-Kummissjoni pproponiet "xenarju ta' referenza" mħejji mill-Kummissjoni msejjes fuq il-kontribut mill-Istati Membri u mill-operaturi ta' sistema tat-trażmissjoni bl-involvement mill-qrib tal-ACER u tal-Gruppi Reġjonali tat-TEN-E. Ix-xenarju ta' referenza jservi ta' bażi komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera u l-benefiċċji tal-proġetti kandidati. Fir-reazzjonijiet tagħhom s'issa, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ bejn l-ippjanar fil-livell tal-UE u l-għażliet ta' politika nazzjonali. Huma enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għat-trasparenza fl-iżvilupp ta' xenarju ta' referenza, biex jitqiesu l-ispeċifitàjiet reġjonali.

Mistoqsija għall-ministri:

M1. *Kif nistgħu niżguraw li l-ippjanar tal-infrastruttura transfruntiera tal-futur, fuq il-bażi ta' xenarju ta' referenza, jaqdi l-bżonnijiet ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina, mingħajr indħil fir-rwol tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' infrastruttura nazzjonali tal-enerġija?*

2. Il-finanzjament tal-Grilji u l-Kondiviżjoni tal-Ispejjeż

Il-kriżi reċenti fl-enerġija u l-aċċellerazzjoni fit-tranżizzjoni tagħna kienu prova li l-grilji tal-elettriku tagħna m'għadhomx biss assi nazzjonali, iżda huma s-sinsla ta' sigurtà Ewropea kollettiva tal-provvista. Hekk kif qed ngħaddu mill-ippjanar ta' konnessjonijiet lokali għall-bini ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina, il-metodi tradizzjonali ta' finanzjament u ta' teħid ta' deċiżjonijiet ma jifilħux jiġġebbu aktar. Sabiex nilħqu l-miri klimatiċi tagħna għall-2030 u l-2050, għandna bżonn infrastruttura transfruntiera fuq skala bla preċedent. Bħalissa, il-kostijiet ta' dawn il-proġetti huma ta' spiss ikkonċentrati fi ftit Stati Membri filwaqt li l-benefiċċji jinqasmu reġjonalment jew saħansitra mal-Unjoni kollha.

Mistoqsija għall-ministri:

M2. *Sa liema punt l-Istati Membri lesti jevolvu l-oqfsa finanzjarji u tal-ippjanar tagħhom – fosthom l-użu tal-introjtu mill-konġestjoni u l-kondiviżjoni usa' tal-ispejjeż – sabiex jiżguraw li l-piż finanzjarju ta' proġetti ta' sinifikat Ewropew jinqasam b'mod aktar ekwu?*

3. Riformi Amministrattivi u fil-Ħruġ tal-Permessi

L-Istati Membri esprimew appoġġ ġenerali għall-għan li jitħaffu l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin. Madankollu, l-implimentazzjoni prattika tal-proposta tal-Kummissjoni qajmet mistoqsijiet ta' ċertezza legali, peress li l-Istati Membri jibżgħu li jekk ir-regoli dwar il-ħruġ tal-permessi jinfirxu fuq diversi atti legali (RED III, EMD, TEN-E, Omnibus Ambjentali) jista' jidied ir-riskju ta' interpretazzjonijiet nazzjonali kunfliġġenti u għalhekk ta' kontestazzjonijiet fil-qrati. Barra minn hekk, għadd ta' Stati Membri ma tantx huma favur il-projbizzjoni proposta li jiġu identifikati territorji kbar fejn l-istallazzjoni ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli ma tkunx possibbli a priori, billi l-ippjanar tal-użu tal-art huwa meqjus bħala kompetenza nazzjonali ewlenija. Diversi Stati Membri insistew ukoll li kwalunkwe preżunzjoni ta' "interess pubbliku prevalenti" għal proġetti tal-enerġija jrid jinkludi protezzjonijiet espliċiti għas-sigurtà u d-difiża nazzjonali.

Mistoqsija għall-ministri:

M3. *Sabiex jitħaffef il-ħruġ tal-permessi ser ikun neċessarju kompromess bejn interessi differenti, li xi kultant ikunu kunfliġġenti. Fejn taraw li jista' jinstab il-bilanċ bejn is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, il-ħarsien tal-ambjent u r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà?*